**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2020**

Numru 15

**Rikors Guramentat Nru. 945/2019**

**Noel Tanti**

**vs**

**Is-Segretarju Permanenti – Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u L-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2019 giet imsejha fil-kawza l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-7 ta' Ottubru, 2019 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza
l. Fil-15 ta' Marzu 2019, saret sejha ghall-vakanza ta' Principal Security Officer gewwa l-Ministeru konvenut mahruga nhar il-15 ta' Marzu 2019 (NT1 u NT2);

2. Il-mittenti huwa ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva, u kwalifikat ferm f'ambiti ohra fosthom bhala first aider, pediatric first aider, fire marshal, et cetera;

3. Il-mittenti kien interessat fil-vakanza surriferita, u b'daqstant, huwa dahhal l-applikazzjoni tieghu (app. nru. 2). Gie intervistat (NT3 u NT4), u tant mar tajjeb li di fatti gie fl-ewwel post bi tmenin (80) marka (NT5). B'rizultat ta' dan, gie rakkomandat li jigi ingaggat hu, u filfatt, gie msejjah biex l-ewwel gurnata tax-xoghol tieghu tkun l-1 ta' Awwissu 2019 (NT6, NT7, u NT8);

4. L-impjieg tieghu gie debitament approvat minn kulhadd, u sahansitra, mill-Ministeru, ntbaghtlu kif se jahdem ix-xifts tieghu, fejn se jkun stazzjonat, u sahansitra inghata l-ewwel roster. Sahansitra kellu laqgha mal-addett tal-Ministeru dwar kif tahdem is-sistema tal-pass tal-vizitaturi;

5. F'daqqa wahda, u bla mistenni, fit-2 ta' Awwissu 2019 (NT9), gie infurmat illi hu gie diskwalifikat, u dan minghajr ebda raguni, u wara li kien mar tant tajjeb fl-applikazzjoni u l-intervista tieghu, u wara kollox kien diga prattikament gie appuntat ghall-impjieg;

6. Dan kollu sar minghajr mal-mittenti inghata l-ebda raguni sodisfacenti, izda biss billi nghata riferenza generika ghar-rekwiziti tal-egilibilita minghajr ma gie spjegat lill-esponenti ghaliex huwa gie skwalifikat, u kif skont huma huwa ma huwiex elegibbli, specjalment fic-cirkostanzi spjegati hawn fuq;

7. Il-mittenti kiteb lill-konvenut tramite l-avukat sottofirmat (NT10), izda giet ripetuta t-twegiba generika li ma tissodisfax il-vot tal-ligi (NT11). Sussegwentement, tramite l-konsulent legali tieghu sottofirmat, l-esponenti ittenta jaghmel kuntatt mal-konvenuti bil-ghan li finalment, jinghata twegiba, izda baqa' bla risposta xorta wahda. L-esponenti ressaq kontra l-konvenuti ittra gudizzjarja (NT12), izda baqa' wkoll bla twegiba;

8. Allura llum, l-esponenti ghandu decizjoni fil-konfront tieghu li mhux biss talli hija hazina u inkorretta, izda talli sahansitra ma hijiex sorretta bid-debita raguni kif trid il-ligi. Dan l-agir huwa bi ksur tal-obbligi tal-ligi amministrattiva u l-principji ta' gustizzja naturali.

Raguni tat-talba
1. Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Talbiet:
Jghidu ghalhekk l-konvenuti, 'il ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi d-decizjoni mehuda fl-email tat-2 ta' Awwissu 2019 (NT9) hija nulla, invalida, u minghajr effett, u dan ghar-ragunijiet provduti mill-artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii), u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara konsegwentement, bl-istess mod nulla, invalida, u minghajr effett kull decizjoni konsegwenti, u/jew sussegwentement mehuda b'konsegwenza tal-istess;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi b'konsegwenza ta' dan li gara, ir-rikorrenti sofra danni, u tikkonferma illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni u l-ispejjez l-ohra sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat;

4. Tillikwida, jekk thoss il-htiega permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjez sofferti mir-rikorrenti;

5. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-imghax legali, u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-Segretarju Permanenti – Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u l-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc li tghid hekk:

1. Illi qabel xejn, il-kelma 'Ewlienl' hija zejda fl-isem tal-ewwel konvenut ghaliex hemm biss Segretarju Permanenti u mhux Segretarju Permanenti Ewlieni fil-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc. Ghalhekk isem l-ewwel konvenut jehtieg illi jigi msewwi kif suppost skont id-dispost tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc gie mharrek bla bzonn f'din il-kawza ghall-ghanijiet tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex skont l-artikolu 17(8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Ligijiet ta' Malta) is-Segretarju Permanenti huwa r-rappezentant guridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet gudizzjarji dwar kull haga li taqa' taht il-firxa tal-attivita tal-Ministeru li ghalih ikun assenjat. Jigi b'hekk, li l-prezenza wahidha tas-Segretarju Permanenti hija bizzejjed sabiex jirrapprezenta l-Ministeru inkwistjoni, b'dana li l-Onorevoli Ministru ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju;

3. Illi bla hsara ghall-premess, l-azzjoni tar-rikorrenti kif marbuta mal-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-2 ta' Awwissu 2019 (ara Dok. NT9 mar-rikors mahluf), ma tistax tissokta kontra l-konvenuti ghaliex effettivament ma kienux il-konvenuti li effettivament hadu d-decizjoni li jiskwalifikaw lir-rikorrent mis-sejha dwar il-post ta' 'Principal Security Officer’. Tassew id-decizjoni tal-iskwalifika tar-rikorrent minhabba nuqqas ta' harsien tar-rekwiziti ta' eligibilita misjuba fis-sejha giet mehuda mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skont ir-regolament 20(1)(b) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Hatriet (Legislazzjoni Sussidjarja Kost.05). Ghalhekk l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju mibdija mir-rikorrent ma tistax titressaq kontra l-konvenuti billi d-decizjoni ta' skwalifika li r-rikorrenti jrid li tithassar ma ttehditx mill-konvenuti izda minn haddiehor;

4. Illi bla hsara ghal dak li ghadu kemm inghad, id-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skont ir-regolament 20(1)(b) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Hatriet (Legislazzjoni Sussidjarja Kost. 05) ma nghatatx bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii) u (iv) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ma jisthoqqilhomx li jigu milqugha;

5. Illi tabilhaqq id-decizjoni tal-iskwalifika nghatat b'harsien tal-principji tal-gustizzja naturali: (i) ghaliex il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija indipendenti kemm mir-rikorrent u kif ukoll mill-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u dan b'harsien shih tal-kuncett tan-nemo judex in causa sua; u (ii) ghaliex id-decizjoni ttiehdet b'harsien ukoll tal-kuncett tal-audi alterem partem ghaliex il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ddecidiet li tiskwalifika lir-rikorrent fuq il-bazi tal-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni li giet sottomessa mir-rikorrent stess;

6. Illi r-rikorrent lanqas ma ghandu ragun jghid li huwa ma nghatax taghrif ghaliex gie skwalifikat. Ir-raguni tal-iskwalifika hija ghaliex huwa ma kienx eligibbli li jiehu sehem fis-sejha skont klawsola 4.1 tad-dokument tas-sejha (ara Dok. NT mar-rikors mahluf) u dan minhabba li sal-hin u sad-data tal-gheluq tas-sejha, ir-rikorrent ma kellux il-grad ta' Security Officer izda kellu biss il-grad ta' Pulizija, li huwa grad differenti minn dak ta' Security Officer;

7. Illi l-ilment tar-rikorrent taht l-artikolu 469A(1)(b)(ii) lanqas ma jista' jigi mistharreg fuq il-fatt li ma gewx imharsa xi htigijiet procedurali mandatorji, ghaliex ir-rikorrent naqas milli jsemmi fir-rikors mahluf tieghu liema kienu dawk il-htigijiet procedurali mandatorji li suppost kellhom jigu mhaddna u effettivament ma gewx addottati. F'kull kaz, l-konvenuti jidhrilhom li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mxiet b'harsien ma' dak li jghid ir-regolament 20 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Hatriet (Legislazzjoni Sussidjarja Kost. 05);

8. Illi l-ilment tar-rikorrent lanqas ma jista' jirnexxi taht l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ibda biex, huwa tassew kontradittorju kif ir-rikorrent qed jallega li d-decizjoni tal-iskwalifika ttiehdet ghal ghanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, meta fl-istess waqt huwa jghid ukoll li huwa ma jafx ghaliex gie skwalifikat. Lil hemm minn dan izda, ir-raguni ghaliex il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skwalifikat lir-rikorrent kienet mibnija fuq raguni tajba u ragonevoli, dik li r-rikorrent ma kienx joqghod mal-kriterji tal-eligibilita msemmija fi klawsola 4.1 tad-dokument tas-sejha ghaliex ma kellux il-grad ta' Security Officer;

9. Illi fl-ahharnett, l-azzjoni tar-rikorrent lanqas ma tista' tissokta taht l-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li ma jirrizultax li l-ghemil amministrattiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jmur kontra l-ligi. Tant hu hekk, li r-rikorrent ma semma l-ebda ligi li giet miksura bhala rizultat ta' dan l-ghemil amministrattiv. Jigi b'hekk, li galadarba hareg li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku f'dan il-kaz ma mxietx abbuzivament jew lil hinn mil-ligi, allura din l-Onorabbli Qorti skont l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma tistax tistharreg jew twaqqa' d-decizjoni tal-imsemmija Kummissjoni;

10. Illi meqjus li d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhijiex ultra vires ghall-ghanijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii) u (iv) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' u minhabba f'hekk ma jistghux jintlaqghu wkoll it-talbiet l-ohra tar-rikorrent li huma marbuta mal-ilqugh tal-ewwel talba;

11. Illi bla hsara ghal dan kollu, dwar it-tielet, ir-raba' u l-hames talba tar-rikorrent, il-konvenuti jishqu li r-rikorrent irid igib prova tal-hsara li jghid li garrab u li f'kull kaz huma ma wettqu l-ebda dannu lir-rikorrent. Barra minn hekk, fl-isfond tal-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenuti jzidu wkoll li huma ma jistghux jitqiesu responsabbli ghad-danni ghaliex huma fil-qadi ta' dmirijiethom dejjem agixxew b'rieda tajba;

12. Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt il-kawza;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent imharrek minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, l-improponibbilta tal-azzjoni odjerna stante li l-Kostituzzjoni tipprekludi lill-Qrati kollha inkluz din l-Onorabbli Qorti milli tissindaka allegat agir maghmul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni, u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi l-azzjoni hija improponibbli stante li l-agir tal-Kummissjoni f'materja bhal din mhuwiex sindakabbli;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent teccepixxi illi t-terminu biex tigi prezentata r-risposta guramentata ghadu ma bediex jiddekorri stante illi r-rikorrenti ma harigx notifika fil-konfront tal-Avukat tal-Istat u dan ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll, jigi eccepit illi minn ezami tar-rikors promotur u t-talbiet maghmulin fih, jirrizulta illi l-lanjanzi u t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha indirizzati fil-konfront tal-konvenuti l-ohra u cioe s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u l-Onorevoli Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u fl-ebda punt ma tigi msemmija l-esponenti Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi eghmil li ttiehed da parti taghha u kwindi l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dawn ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom stante li ma sar xejn da parti taghha illi jista' legalment jattira l-htiega ta' revizjoni da parti tal-Qorti;

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti u dan peress li hija dejjem agixxiet skont id-dettami tal-ligi u entro l-parametri tal-istess ligi u regolamenti vigenti kif ukoll dejjem osservat il-principji tal-gustizzja naturali jew htiegijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil taghha u fid-deliberazzjonijiet maghmula minnha qabel dwar dak l-eghmil;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tar-rikorrenti saret ai termini tal-artikolu 20(1)(b) tal-Ligi Sussidjarja Kost.05 Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Hatriet, li tipprovdi illi "Bla hsara ghas-subregolament (2), il-Kummissjoni tista' tiskwalifika, jew tordna lil bord ta' ghazla sabiex jiskwalifika, applikant jekk: (b) l-applikant ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' eligibilita jew ma jibqax jissodisfa r-rekwiziti ta' eligibilita ghall-post vakanti jew xi rekwizit mandatorju iehor fis-sejha ghal applikazzjonijiet";

Illi fis-subregolament (2), il-legislatur jispecifika illi meta japplikaw ir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (c) u (e) sa (k) (it-tnejn inkluzi) tas-subregolament (1), il-Kummissjoni ghandha taghti lill-applikant l-opportunita li jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub, u kwindi a contrario sensu fil-kawzi fejn japplika kwalunkwe raguni ohra, l-iskwalifika issir b'mod awtomatiku u ma jkunx hemm lok ghal sottomissjonijiet jew ghal diskrezzjoni da parti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

Illi tali decizjoni hija wahda valida stante li r-rikorrenti qatt ma okkupa l-grad ta' Security Officer skont ir-rekwizit ghall-eligibbilita tas-sejha sopracitata. Illi ghaldaqstant f'dan il-kaz il-Kummissjoni esponenti kienet prekluza mil-ligi illi tisma' lir-rikorrenti u/jew li ma tapplikax l-iskwalifika;

7. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-raguni ghad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tar-rikorrenti giet moghtija lilu ghall-kuntrarju ta' dak allegat fir-rikors promotur u dan permezz ta' ittra mibghuta lir-rapprezentant legali tar-rikorrent, l-Avv. Carlos Bugeja, minn Margot Ann Schembri Bajada, f'isem is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc, fejn gie spjegat illi r-rekwiziti ghall-egibbilita tas-sejha ghall-vakanza ta' Principal Security Officer fi hdan l-istess Ministeru, ma gewx sodisfatti mir-rikorrenti. Illi r-rekwiziti huma fihom infushom oggettivi u l-lanjanza tar-rikorrenti illi r-raguni moghtija ma kinitx wahda sodisfacenti abbazi li saret biss referenza generika ghar-rekwiziti hija infondata stante li mhemmx lok ghall-ebda spjegazzjoni, ezaminazzjoni jew diskrezzjoni rigward is-sodisfazzjon o meno ta' xi wiehed mir-rekwiziti izda dawn fil-kwalita taghhom jistghu biss ikunu sodisfatti jew ma jkunux sodisfatti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija kawza intavolata a bazi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema l-attur qieghed jitlob illi tigi dikjarata nulla, invalida u minghajr effett id-decizjoni tal-konvenuti tat-2 ta' Awwissu 2019, u kull raguni konsegwenti ghaliha, ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii) u/jew (iv). L-attur huwa ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva (*fol.* 77 u *fol.* 125) u kien irrisponda ghal sejha ghall-applikazzjoni ghall-vakanza ta' Principal Security Officer gewwa l-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc li kienet harget fil-15 ta' Marzu 2019 permezz ta' cirkulari MFTP/HR nru. 3/2019 (Dok. NT1 *fol*. 6). L-attur ressaq l-applikazzzjoni tieghu fis-16 ta' Marzu 2019 (Dok. NT3 *fol*. 12 u xhieda tal-attur *fol*. 72).

Is-Segretarju Permanenti fi hdan l-istess Ministeru appunta Bord biex immexxi l-process tal-ghazla (Dok. NM2 *fol* 135). L-attur gie imsejjah biex issirlu intervista (*fol*. 81). Ir-rizultat tal-intervisti li saru thabbar fl-10 ta' Gunju 2019 (Dok. NT5 *fol*. 15) li

wera li l-attur gie l-ewwel minn fost l-erba' kandidati li ssejhu ghal din l-intervista. Il-Kummissjoni ma rceviet ebda petizzjoni wara thabbira ta' dan ir-rizultat (*fol*. 85). L-attur gie infurmat li kien nhatar fil-kariga b'effett mill-25 ta' Gunju 2019 (*fo*l. 89) u li kellu jirraporta ghax-xoghol fl-1 ta' Awwissu 2019 bil-kundizzjonijiet tax-xoghol relatati mal-hatra ta' Principal Security Officer, u tal-hinijiet tax-xoghol u shifts (*fol*. 94-104).

Jirrizulta pero illi fis-26 ta' Lulju 2019 rapprezentant tal-Ministeru konvenuti baghtet email lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku fejn indikat illi kienet ingibdet l-attenzjoni tal-Ministeru li l-attur ma kienx jokkupa l-kariga ta' Security Officer izda kien ufficjal tal-pulizika u ghalhekk intalbet il-gwida tal-Kummissjoni dwar dan il-punt (Dok NM2, *fol.* 135). Fit-2 ta' Awwissu 2019 il-Ministeru gharraf lill-attur li huwa kien gie skwalifikat ai termini tar-regolament 20(1)(b) tal-Ligi Sussidjara Kost. 05 (Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Hatriet), liema regolament jipprovdi dwar applikant li ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' eligibilita jew ma jibqax jissodisfa r-rekwiziti ta' eligibilita ghall-post vakanti jew xi rekwizit mandatorju iehor fis-sejha ghal applikazzjonijiet.

Fis-6 ta' Awwissu 2019 l-attur permezz tal-avukat tieghu kiteb ittra lil Ministeru jilmenta dwar dan l-agir u talab spjegazzjoni dwar l-iskwalifika tieghu (Dok. NT10 *fol* 34). Fis-27 ta' Awwissu 2019 il-Ministeru ikkorrisponda b'ittra mibghuta lill-avukat tal-attur u laqa' ghall-ilment tal-attur billi irrefera ghal regolament 20(1)(b) imsemmi ni u ghac-cirkolari MFTP/HR 3/2019 tal-15 ta' Marzu 2019 li ippublikat ir-rekwiziti ta' eligibilita (Dok. NT11 fol.36).

Fit-18 ta' Settembru 2019 l-attur formalment baghat ittra ufficjali lil konvenuti Ministru u Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u talabhom jaghtuh lura l-pozizzjoni mweghda lilu, u fin-nuqqas jipprocedi kontrihom b'kawza fil-Qorti kif fil-fatt ghamel permezz ta' din il-procedura (Dok. NT12 *fol*. 38).

**L-eccezzjoni dwar jekk il-Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc giex imharrek indebitament**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom, is-Segretarju Permanenti u l-Ministru konvenuti sostnew illi l-Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc gie mharek bla bzonn f'din il-kawza. Huma jsostnu illi skont l-artikolu 17(8) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika is-Segretarju Permanenti huwa r-rapprezentant guridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet gudizzjarji dwar kull haga li tirrelata mal-attivita tal-Ministeru u ghalhekk il-presenza wahedha tieghu hija bizzejjed ghal finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
>
> Izda, minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> […]
> (b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistghu f'kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;"

Barra minn hekk, l-artikolu 17(8) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jipprovdi illi:

> "Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rappezentant guridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet gudizzjarji dwar kull haga li taqa' taht il-firxa tal-attività tal-Ministeru li ghalih ikun assenjat."

Ghalhekk huwa car illi fil-kaz in kwistjoni is-Segretarju Permanenti konvenut ghandu r-rapprezentanza guridika tal-Ministru konvenut u ma kien hemm l-ebda bzonn illi l-Ministru jigi mharrek f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant jirrizulta illi din l-eccezzjoni hija fondata u l-Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc qieghed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Kontra min kellha titressaq din l-azzjoni**

Is-Segretarju Permanenti konvenut eccepixxa illi din l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ma tistax titressaq kontra tieghu peress illi d-decizjoni tal-iskwalifika li dwarha qieghed jilmenta l-attur ma gietx mehudha minnu izda mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ai termini tal-artikolu 20(1)(b) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Hatriet.

L-attur sar jaf dwar l-iskwalifika tieghu u l-konsegwenti revoka tal-appuntament li kien inghata permezz ta' email datat 2 ta' Awissu 2019 li kien gie mibghut minn Bernice Sammut in rapprezentanza tal-Ministeru konvenut. Jirrizulta illi l-Kummissjoni konvenuta kienet giet informata illi l-attur allegatament ma kienx jissodisfa l-kriterji tal-elegibilita mill-istess Bernice Sammut, li kienet talbet sabiex il-Kummissjoni konvenuta taghti gwida dwar x'kellu jsir fuq il-kwistjoni (fol. 136). Jirrizulta imbaghad mill-affidavit ta' Natasha Magro, Compliance Officer fi hdan il-Kummissjoni ntimata, illi l-Kummissjoni konvenuta kienet ghamlet xi verifiki u sussegwentement baghtet tinforma lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin li l-hatra tal-attur kellha tigi revokata minhabba li l-applikazzjoni tieghu ma kinitx tissodisfa l-kriterji tal-eligibilita rikjesti fis-sejha in kwistjoni (fol. 129).

Mill-provi prodotti fil-kawza jirrizulta ghalhekk illi d-decizjoni ahharija li l-attur jigi skwalifikat ghaliex allegatament ma kienx jissodisfa l-kriterji ta' elegibilita saret proprju mill-Kummissjoni konvenuta, u dan skont il-ligi u senjatament ai termini tar-regolament 20(1)(b) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li jirregolaw il-Hatriet tal-2015. Pero, ir-revoka tal-hatra tal-attur innifisha ma saritx mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, izda mill-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' Kummerc. Filfatt jidher illi t-tieni talba tal-attur hija mahsuba partikolament sabiex tindirizza dan, hekk kif qed jintalab li mhux biss tigi dikjarata nulla d-decizjoni ta' skwalifika, izda wkoll kull decizjoni li ttiehdet b'konsegwenza taghha. Ghalhekk il-Qorti tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi il-presenza tal-Segretarju Permanenti konvenut hija mehtiega f'dawn il-proceduri peress illi huwa l-istess Segretarju biss li jista' jirrispondi ghat-tieni talba attrici. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Lejn min huma indirizzati t-talbiet attrici**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku targumenta illi l-premessi u t-talbiet maghmula fir-rikors guramentat gew indirizzati fil-konfront tal-Ministeru u Segretarju Permanenti konvenuti u mhux fil-konfront taghha. Targumenta wkoll illi l-istitut tal-kjamat in kawza mhuwiex intiz sabiex issir is-sostituzzjoni ta' konvenut illi qatt ma messu gie konvenut fil-kawza biex b'hekk jigu ssanati l-atti.

Il-Qorti rat illi fir-rikors guramentat tieghu l-attur premetta illi wara li kien mahtur bhala Principal Security Officer, huwa kien gie infurmat illi l-hatra tieghu kienet qed tigi revokata minghajr ma nghata raguni adegwata, u dan minghajr ma indika espressament lil Ministeru konvenut bhala l-persuna li hadet dik id-decizjoni. It-talbiet tieghu imbaghad huma kollha indirizzati versu "l-konvenuti." Wara li giet imsejha f'din il-kawza il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku saret hija wkoll konvenuta u ghalhekk ma jistax jinghad illi t-talbiet m'humiex ukoll indirizzati kontra taghha. Huwa minnu illi t-talbiet jirreferu ghad-decizjoni mehuda fl-email tat-2 ta' Awwissu 2019. Pero, jekk l-attur ma giex informat dwar meta effettivament ittiehdet din id-decizjoni, huwa ma jistax jaghmel mod iehor hlief li jipprezumi illi d-decizjoni ittiehdet meta din giet ikkomunikata lilu. F'din id-decizjoni ma saret l-ebda indikazzjoni dwar l-entita li hadet id-decizjoni, u bl-istess mod fir-rikors guramentat tieghu l-attur ma jidentifikax b'mod specifiku min ha d-decizjoni. Fir-rikors guramentat tieghu l-attur jaddebita l-agir li minnu qieghed jilmenta lill-"konvenuti" u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku llum il-gurnata hija proprja wahda mill-konvenuti. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija nfondata fic-cirkostanzi.

Rigward l-argument tal-Kummissjoni konvenuta illi l-istitut tal-kjamat in kawza mhuwiex intiz sabiex jissostitwixxi konvenut li gie indebitament imharrek f'kawza, il-Qorti tibda billi tirrileva illi dan l-argument ma giex formalment imqajjem bhala eccezzjoni fir-risposta tal-Kummissjoni konvenuta u ghalhekk m'huwiex lecitu illi jsir issa fin-nota ta' sottomissjonijiet. Fi kwalunwke kaz, il-Qorti tqis illi din il-kwistjoni kienet diga giet deciza minn din il-Qorti meta kien inghata digriet permezz ta' liema giet kjamata in kawza il-Kummissjoni konvenuta. Ghaldaqstant dan l-argument qieghed jigi skartat.

**Is-sindikabbilita tal-agir tal-Kumissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku eccepiet preliminarjament l-improponibbilita ta' din l-azzjoni ghaliex l-artikoli 111 u 115 tal-Kostituzzjoni jipprekludu lil Qrati milli jissindikaw l-agir taghha. Hija argumentat illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qieghed jitlob li din il-Qorti tissindika jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku qdietx validament funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni meta ordnat it-thassir tal-appuntament tal-attur, u ghalhekk hija protetta ai termini tal-artikolu 115(1)(a) tal-Kostituzzjoni.

Kif argumentat mill-konvenuti stess, l-artikolu 115 ma ghandux l-effett illi jehles b'mod assolut lil Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-iskrutinju tal-qrati. B'mod partikolari, il-qrati ordinarji innifishom ghandhom is-setgha illi jissindikaw l-agir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex jiddeterminaw jekk l-istess Kummissjoni tkun aggixiet ultra vires tal-poteri taghha jew ma tkunx irrispettat il-principji tal-gustizzja naturali fil-qadi tad-doveri taghha. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mattocks vs Dr Anthony Gruppetta noe et** (App 27/06/2008)

> "*Il-PSC mhux hieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji…anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet ultra vires il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'impunita` (ara, per ezempju, il-kazijiet "Zammit vs Falzon", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003 u "Mangion vs Cilia Pisani noe", deciza millPrim Alwa tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju, 2004)*."

Fuq l-istess linja ta' hsieb intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura et** (PA 20/10/2005) illi:

> "Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita' moghnija b'dan ilpoter ma tista' twarrab dawn il-principji b'immunita' (ara, per ezempju, il-kazijiet "Zammit vs Falzon", deciza millOnorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003, "Mangion vs Cilia Pisani noe", deciza minn din ilQorti fl-20 ta' Mejju, 2004, "De Gaetano vs Awtorita' talIppjanar" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2005, u "A J Hili ta' Miena Ltd vs Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru, 2004). Ovvjament, ilprincipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstemgha, izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha."

Il-Qorti rat illi l-attur qieghed jibbaza l-ilment tieghu fuq il-paragrafi "(b)(ii), (iii), u/jew (iv)" tal-ewwel sub-inciz tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-paragrafu b(ii) espressament jikkontempla n-nullita ta' eghmil amministrattiv "meta l-awtorita pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil." Fid-dawl tal-gurisprudenza appena citat ghalhekk huwa car

illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku m'hijiex hielsa mill-iskrutinju ta' din il-Qorti fir-rigward ta' jekk hija osservatx jew le il-principji ta' gustizzja naturali meta hadet id-decizjoni ta' skwalifika mertu ta' din l-azzjoni. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija manifestament infondata u qed tigi michuda.

**Il-validita tal-iskwalifika tal-attur u r-revoka tal-hatra tieghu**

L-attur qieghed jimpunja l-validita tal-iskwalifika u konsegwenti revoka tal-hatra tal-appuntament tieghu ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii), u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:
> […]
> (b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:
> […]
> (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil; jew
> (iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika billi danisir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
> (iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-argument tal-Kummissjoni konvenuta illi l-iskwalifika tal-attur saret validament ghaliex ir-raguni ghall-iskwalifika ma kinitx wahda minn dawk ir-ragunijiet fejn skont il-ligi ghandu jinstema' l-individwu qabel ma tittiehed id-decizjoni m'ghandux mis-sewwa. Huwa minnu li skont il-ligi l-iskwalifika ta' persuna li ssir ghaliex ikun jirrizulta lill-Kummissjoni li l-istess persuna ma tkunx tissodisfa l-kriterji ta' elegibilita mhijiex wahda minn dawk ic-cirkostanzi fejn il-Kummissjoni ghandha tassattivament tisma' lill-individwu qabel tiehu id-decizjoni taghha skont ir-Regolamenti indikati. Pero, il-Kummissjoni m'hijiex marbuta biss b'dak li tghid il-ligi izda wkoll b'dak li jiddettaw il-principji tal-gustizzja naturali, u l-Kummissjoni ma tistax tezimi ruhha mill-applikazzjoni ta' tali principji. Hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati filfatt illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhux biss hija marbuta li ssegwi l-procedura stabbilita minnha stess, izda wkoll ghandha tara li l-agir taghha ma jkunx jippekka kontra l-principji ta' gustizzja naturali jew kontra l-Kostituzzjoni, u

dan kif jidher mill-gurisprudenza gja citata aktar il-fuq. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza b'mod partikolari ghas-sentenza fl-ismijiet **Teshome Tensea Gebremariam vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et,** (PA 10/07/2012, ikkonfermata mill-Qorati tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016) fejn gie spjegat illi ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "l-Qorti ghandha tara jekk entita' hemm indikata naqset milli tosserva l-principji ta' gustizza naturali jew htiegijiet mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew deliberazzjoni ta' qabel dwar dak leghmil u dawn huma l-principji minimi li ghandhom jigu osservati f'kull procedura ta' bord amministrattiv, tribunal jew anke enti ohra amministrattiva. Fil-fatt dawn il-principji huma tant bazilari li lanqas hemm bzonn li jkun hemm principju legali espressi jew disposizzjoni ad hoc izda huma principji li ghandhom f'kull kaz u dejjem jigu osservati fit-tmexxija ta' amminstrazzjoni pubblika u innuqqas ta' osservanza ta' l-istess iwasslu ghall-irritwalita' tal-eghmejjel jekk imwettqa u ghat-thassir taghhom, kif listess jista' jinghad b'iktar sahha ghall decizjoni ta' Bordijiet u Tribunal, gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji (**"Paul Borg vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku"** P.A. (JRM) – 21 ta' Mejju 2009)."

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **David Axiaq vs l-Awtorita ghat-Trasport Pubbliku,** (PA 05/05/2005) fejn gie spjegat illi:

> "Il-pricipju 'audi alteram partem' huwa principju fundamentali mixhut fuq kull min gie mghoni b'poter li jiddeciedi. L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb "Constitutional and Administrative Law" (Penguin Books, 3rd Edit.) jghid a pagna 564, li dan il-principju, "Is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case". Fil-kawza famuza ingliza "Ridge vs Baldwin", decisa mill-House of Lords fl-1964, intqal li d-dritt ghalsmiegh xieraq "is a rule of universal application", u Lord Loreburn, fil-kawza "Board of Education vs Rice", decisa wkoll mill-House of Lords fl-1911, kien qal li d-dover li jaghti smiegh xieraq hu impost "upon every one who decides anything". "

Dan japplika *multo magis* f'dan il-kaz fejn l-allegata raguni ghall-iskwalifika tal-attur ma hijiex ibbazata fuq xi fatt li l-attur zamm mistur u li l-konvenuti saru jafu bih f'xi punt wara l-hatra tieghu. Huwa indiskuss illi l-konvenuti kellhom a disposizzjoni taghhom l-informazzjoni kollha dwar il-kariga li l-attur kien jokkupa u kienu ben konsapevoli tal-fatt illi huwa kien ufficjal tal-pulizija u ma kienx Security Officer meta offrewlu l-kariga ta' Principal Security Officer. Dan tant li sabiex jibda fil-kariga tieghu ta' Principal Security Officer l-attur kien qieghed jigi trasferit proprju minn mal-korp tal-pulizija, kif jidher mill-korrispondenza mibghuta minn Marie Claire Vella Balzan,

ufficjal fi hdan il-Ministeru konvenut, fejn jintqal car u tond illi "*Mr Tanti is being transferred on appointment as PSO from the Ministry for Home Affairs and National Security (Police General Headquarters)"* (*fol.* 27). Minkejja l-fatt illi l-attur ma kienx jokkupa l-kariga ta' Security Officer izda kien ufficjal tal-pulizija huwa ssejjah ghall-intervista wara li ssottometta l-applikazzjoni tieghu u gie maghzul ghal din il-kariga wara li gab l-ghola marka mill-applikanti li kienu ssejhu ghall-intervista, senjatament il-marka 80%. Il-hatra tal-attur kienet saret a bazi ta' dan ir-rizultat u, ghal xi raguni li l-konvenuti bl-ebda mod ma ipprovaw jiggustifikaw quddiem din il-Qorti, ghaddew xhur shah wara li hargu r-rizultati qabel mal-Ministeru konvenut ikkomunika mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex issir l-iskwalifika tal-attur. Dan proprju wara li kien gie determinat ir-roster tal-attur (*fol.* 104), filwaqt illi l-attur gie informat dwar l-iskwalifika tieghu proprju dakinhar li kellu jibda jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala Principal Security Officer (*fol.* 33), u minghajr ma inghata l-opportunita li jressaq id-difiza tieghu qabel ma tintlahaq din id-decizjoni.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (App 06/02/2015) fejn gie deciz illi:

> "Il-principju ta' audi alteram partem huwa principju tant fundamentali li huwa meqjus bhala wiehed ta' gustizzja naturali u ghalhekk implicitu f'kull procediment li fih trid tigi amministrata l-gustizzja. Dan il-principju jimplika li ebda persuna ma ghandha tigi ggudikata minghajr ma tinghata opportunita` xierqa li tipproduci x-xhieda taghha u twiegeb ghall-evidenza prodotta mill-parti kuntrarja."

Kif intqal imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **A&J Hili Ta' Miema Limited vs Kumissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud** (App 14/10/2004)

> "Il-principji ta' gustizzja naturali jitqiesu dejjem materja ta' dritt, anzi ta' dritt pubbliku, u n-nuqqas ta' osservanza taghhom jaghti mhux biss dritt ta' appell meta dan hu koncess (anke jekk limitatament fuq punt ta' dritt), izda ukoll ghad-dritt ta' review mill-Qrati ordinarji."

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti huwa car illi l-konvenuti kellhom l-obbligu li jinnotifikaw lill-attur li kienet qed tintalab l-iskwalifika tieghu ghaliex allegatament ma kienx jissodisfa l-kriterji ta' elegibilita ghall-hatra, u kif ukoll kellhom l-obbligu li jaghtu lill-attur zmien ragonevoli sabiex ikun jista', jekk irid, isemma lehnu u jressaq id-difiza tieghu fuq dan il-punt. Il-principji ta' gustizzja naturali mhaddna f'pajjiz fejn tirrenja s-

saltna ta' dritt ma jippermettux illi l-awtoritajiet pubblici jiehdu decizjonijiet b'non-osservanza assoluta tal-principju ta' *audi alteram partem.*

Barra minn hekk, kif gustament jilmenta l-attur, fl-email tat-2 ta' Awwissu 2019 ma gietx moghtija lilu spjegazzjoni cara dwar ir-raguni ghalfejn huwa kien qieghed jigi skwalifikat. Huwa minnu li f'dan l-email l-attur gie informat illi kien qieghed jigi skwalifikat a bazi tar-regolament 20(1)(b) tar-Regoli hawn fuq imsemmija. Din pero ma kinitx spjegazzjoni bizzejjed sabiex fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-attur ikun jista' jifhem sewwasew ghaliex gie skwalifikat, u dan anke jekk bl-ghajnuna ta' difensur legali. Kif gja inghad, l-attur ma zammx mistur il-fatt illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' ufficjal tal-pulizija, u minkejja dan huwa mhux biss tqies eligibbli izda anzi inghata l-ghola marka mill-Bord tal-Ghazla, gie mahtur fil-kariga ta' Principal Security Officer u wkoll inghata *roster* u d-data ta' meta kellu jibda l-qadi ta' dmirijiet tieghu f'din il-kariga. Ghalhekk ma jistax ragonevolment jitqies illi l-attur seta' jifhem ghalfejn f'daqqa wahda kien qieghed jigi skwalifikat ghaliex ma kienx jissodisfa l-kriterji ta' elegibilita fin-nuqqas tal-ghoti mill-konvenuti ta' raguni konkreta ghall-iskwalifika tieghu. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Teshome Tensea Gebremariam vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati et,** citata aktar il-fuq, u taghmel taghha r-ragunament spjegat fiha fis-sens illi:

> "…din il-Qorti, bhal Qrati ohra, dejjem dan il-messagg tat, u dan huwa *sine qua non* ghall validita' ta' decizjoni, fil-verita' ta' kull decizjoni ta' kull Bord, Tribunal, u organu amministtrativ, u iktar iktar Tribunal gudizzjarju jew quasi gudizzjarju, u ta' kull Qorti, u dan huwa iktar rikjest meta l-procedura f'dan il-kaz tipprovdi espressament ghall tali motivazzjoni, u l-ligi hija kollha f'posta sabiex tigi esegwita b'mod xieraq u gust. Li dan ma jsirx, bhal ma sarx fil-kaz odjern, hija negazzjoni manifesta ta' gustizzja, anke mill-punt procedurali taghha, ahseb u ara mill-punt sostantiv."

Independentement minn jekk il-Kummissjoni konvenuta ghandhiex ragun fil-mertu dwar l-iskwalifika jew le, dan huwa agir ta' stmerrija illi ma jistax jigi accettat mill-Qorti. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **General Medical Council vs Spackman** deciza mill-House of Lords fl-1943:

> "*If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared, to be no decision*".

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija tal-fehma illi l-premessa tal-attur illi d-decizjoni li huwa jigi skwalifikat u l-hatra tieghu tigi revokata hija invalida ai termini tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija fondata. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi m'hemmx htiega illi tiddetermina wkoll l-pretensjoni tal-attur ibbazata fuq il-paragrafi (b)(iii) u (iv) tal-istess sub-inciz.

**It-talba ghad-danni**

L-attur talab ukoll illi jigu llikwidati d-danni illi huwa qieghed jallega li sofra minhabba l-agir tal-konvenuti. Tali talba hija bbazata fuq is-sub-inciz numru 5 tal-artikolu 469A tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> "F'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorita pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra."

Il-Qorti taghraf illi minkejja li l-attur ressaq talba ghad-danni huwa ma ipproduca l-ebda prova fl-atti rigward id-danni illi allegatament sofra. Is-sistema legali Maltija hija bbazata fuq il-principji ta' *onus probandi inucumbit ei qui dicit* u *iudex iuxta alligata et probata iudacere debet.* Ghalhekk, galadarba l-attur qieghed jallega illi huwa sofra xi danni minhabba l-agir tal-konvenuti kien jinkombi fuqu l-oneru li jipprova l-ezistenza u l-quantum ta' dawn id-danni. Dan l-attur baqa' ma ghamlux, mhux biss billi ma ressaq l-ebda spjegazzjoni rigward il-pretensjoni tieghu ghad-danni izda wkoll billi ma ressaq l-ebda prova li tista' b'xi mod twassal lil Qorti biex tkun tista' tillikwida d-danni allegatament sofferti minnu. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din it-talba ma tistax tigi milqugha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tas-Segretarju Permanenti u l-Ministru konvenuti stante illi din giet irtirata minnhom;

Tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-Segretarju Permenanti u l-Ministru konvenuti, u konsegwentement tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc;

Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

Tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur u tiddikjara illi d-decizjoni riportata fl-email datat 2 ta' Awwissu 2019 hija nulla, invalida u minghajr effett ghar-ragunijiet provduti fl-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara nulla, invalida u minghajr effett kull decizjoni mehuda fil-konfront tal-attur b'konsegwenza tal-istess;

Tilqa' l-hdax-il eccezzjoni tas-Segretarju Permanenti konvenut u tichad it-tielet, raba' u hames talbiet tal-attur;

Tichad il-bqija tal-eccezzjoni tas-Segretarju Permanenti konvenut.

L-ispejjez tal-Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc jithallsu kollha mill-attur, filwaqt li l-bqija tal-ispejjez jithallsu in kwantu ghal 25% mill-attur u in kwantu ghal 75% mis-Segretarju Permanenti – Ministeru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerc u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur